Nru. 17,617
Prezz Lm1.12c
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Lulju, 2004
Friday, 2nd July, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 713

IL-PRIM MINISTRU U L-MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Ġunju, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 694 tat-28 ta' Ġunju, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-30 ta' Ġunju, 2004
(OPM 12/2004)

Nru. 714

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-2 ta' Lulju, 2004
(File No. L92/80/I)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

GOVERNMENT NOTICES

No. 713

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Wednesday, 30th June, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 694 of the 28th June, 2004, ceased to have effect accordingly.

30th June, 2004

No. 714

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

2nd July, 2004

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-limiti taż-Żejtun:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 110 metri twila, 1.5 metri fonda u 0.7 metri wiesgħa, li tinkludi tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,160 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Nazzareno Dalli, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Nazzareno Cassar u mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur blu filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta markata L.D. 129^{A}/80, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

It-22 ta' Ġunju, 2004

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land in the limits of Żejtun:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 110 metres long, 1.5 metres deep and 0.7 metres wide, including the laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,160 square metres, bounded on the North East by property of Nazzareno Dalli, on the South East by property of Nazzareno Cassar and on the North by a public alley.

The above mentioned land is shown in colour blue whilst the trench is shown with the colour red on plan marked L.D. 129^{A}/80, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

22nd June, 2004

Nru. 715

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Lulju, 2004
(File No. L45/96)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Ottubru, 2000 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 828, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88).

No. 715

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd July, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 20th October, 2000 under Government Notice No. 828, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88).

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 73 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Gracemaud Hubbrich u oħrajn, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri u oħrajn u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Emanuel Bonnici.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 91 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri u oħrajn, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Emanuel Bonnici u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Gracemaud Hubbrich u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar bħala *plots* 1 u 2 fuq il-pjanta L.D. 52/98/A rispettivament, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Bi żvista ma kienx ġie ddikjarat li din id-dikjarazzjoni kienet qegħda tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni maħruġa fis-17 ta' Lulju 1998 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 549.

Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni qegħda tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni maħruġa fis-17 ta' Lulju 1998 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 549.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

Il-25 ta' Ġunju, 2004

Description of the Land

The following land at St. Paul's Bay:

1. A plot of land of the area of about 73 square metres, bounded on the North by property of Gracemaud Hubbrich and others, on the North West by property of Joseph Camilleri and others and on the South West by property of Emanuel Bonnici.

2. A plot of land of the area of about 91 sqaure metres, bounded on the West by property of Joseph Camilleri and others, on the South by property of Emanuel Bonnici and on the East by property of Gracemaud Hubbrich and others.

The abovementioned land is shown marked in colour red as plots 1 and 2 on plan L.D. 52/98/A respectively, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Erroneously this Notice failed to declare that it was substituting the Declaration published on the 17th July, 1998, under Government Notice No. 549.

Therefore this Declaration is substituting the one published on the 17th July, 1998, under Notice No. 549.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

25th June, 2004

Nru. 716

UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN

NGĦARRFU b'din illi skond l-artikolu 29(1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza l-għotja tad-dekorazzjoni tal-Kullar ta' l-Ordni *Pro Merito Maltese* mogħtija lilu mill-Gran Mastru ta' l-Ordni Sovran Militari ta' Malta.

Il-25 ta' Ġunju, 2004
COF 575/1962/VII

No. 716

FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS

IT is hereby notified that in terms of section 29(1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the conferment of the decoration of the Collar of the Order *Pro Merito Melitense* conferred on him by the Grandmaster of the Sovereign Military Order of Malta.

25th June, 2004

Nru. 717

NOMINA TA' MEMBRI TAL-KUNSILL MALTI GĦAL KWALIFIKI PROFESSJONALI U VOKAZZJONALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija b'Avviż Legali 215 ta' l-2000 Artikolu 3 (2) Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343), innomina lis-sinjuri hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Kunsill, għal perijodu bejn il-25 ta' Frar 2004 u t-23 ta' Ottubru 2004:-

Chairman
Is-Sinjura Antoinette Caruana, MSc

Viċi Chairman
Is-Sur Felix Borg, BA Hons MBA (Brunel) MIM MIPD AMIAP

Membri
Is-Sur John D Jones
Is-Sur Stephen Debono
Dott. Grace Grima, Bed (Hons) Med (Otago PhD (Otago)
Is-Sur Charles Theuma, BA (Hons) BSc (MCL) BCom
Is-Sur Emmanuel Zahra
Is-Sur Michael Parnis
Ms Anna Mari Darmanin, BA (Hons) Hm Res
Is-Sur Joseph Montebello
Dott. Paul De Battista

It-2 ta' Lulju, 2004

No. 717

APPOINTMENT OF MEMBERS OF THE MALTA PROFESSIONAL AND VOCATIONAL QUALIFICATIONS COUNCIL

IT is notified for general information that in exercise of the powers conferred by Legal Notice 215 of 2000 Article 3 (2) of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Minister of Eduction, Youth and Employment has appointed the persons undermentioned as members of the Council, for a period between 25 February 2004 and 23 October 2004:-

Chairman
Mrs Antoinette Caruana, MSc

Deputy Chairman
Mr Felix Borg, BA Hons MBA (Brunel) MIM MIPD AMIAP

Members
Mr John D Jones
Mr Stephen Debono
Dr Grace Grima, Bed (Hons) Med (Otago PhD (Otago)

Mr Charles Theuma, BA (Hons) BSc (MCL) BCom
Mr Emmanuel Zahra
Mr Michael Parnis
Ms Anna Mari Darmanin, BA (Hons) Hm Res
Mr Joseph Montebello
Dr Paul De Battista

2nd July, 2004

Nru. 718

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Birkirkara	Is-Sur Joe Tabone

It-2 ta' Lulju, 2004

No. 718

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be appointed Executive Secretary of the respective Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
Birkirkara	Mr Joe Tabone

2nd July, 2004

Nru. 719

WARRANT MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru tas-Saħħa l-Anzjani u Kura fil-Komunità
Is-Sur Vincent Mifsud
Ms Michelina Fenech

Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' l-Investiment
Is-Sur Alan Bugeja
Ms Rachel Sapiano
Dott. Mark Anthony Pace
Is-Sur Albert Ghigo
Is-Sur Carmel J. Aquilina
Is-Sur Gaetan Naudi
Dott. Elaine Cutajar
Is-Sur Adrian Strickland
Is-Sur Eric Cachia
Ms Joanna Pisani
Is-Sur Patrick Mifsud
Dott. Raymond C. Xerri
Ms Francesca Amodeo
Is-Sur Victor Grech

B'Awtorità
TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

It-2 ta' Lulju, 2004
(MJHA/144/2003/II)

No. 719

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Health, the Elderly and Community Care
Mr Vincent Mifsud
Ms Michelina Fenech

Ministry of Foreign Affairs and Investment Promotion
Mr Alan Bugeja
Ms Rachel Sapiano
Dr Mark Anthony Pace
Mr Albert Ghigo
Mr Carmel J. Aquilina
Mr Gaetan Naudi
Dr Elaine Cutajar
Mr Adrian Strickland
Mr Eric Cachia
Ms Joanna Pisani
Mr Patrick Mifsud
Dr Raymond C. Xerri
Ms Francesca Amodeo
Mr Victor Grech

By Authority
TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

2nd July, 2004

Nru. 720

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Emendi

B'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 212 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Frar 2004 f'paġna 1319, it-testatura Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għandha tinqata' u fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 575 tal-4 ta' Ġunju 2004 f'paġna 5511, is-Sur Michael Schembri, A&CE, għandu jidher taħt Dipartiment għat-Tmexxija ta' Proprjetà.

It-2 ta' Lulju, 2004

No. 720

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Amendments

With reference to Government Notice No. 212 published in the Government Gazette of 27th February 2004 on page 1319, the heading Local Councils Department is to be deleted and in Government Notice No. 575 of 4th June 2004 on page 5511, Mr Michael Schembri, A&CE, shall appear under Estate Management Department.

2nd July, 2004

Nru. 721

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Ħatra ta' Kap Eżekuttiv u Kapijiet tad-Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 (17) ta' l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* (Att Nru. XIX ta' l-2000), l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, ħatar kif imsemmija hawn taħt fl-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, għall-perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 2004, kif jidher hawn taħt:-

Kap Eżekuttiv
Is-Sur Joseph Spiteri

Kap - Oġġetti għall-Konsumatur u għall-Industrija
Ing. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng. (Hons.)

Kap - Standardizzazzjoni
Ing. Francis Farrugia, MBA (Henley), Eur.Ing., B.Elec.Eng. (Hons.)

Kap - Oġġetti ta' l-Ikel, Kimiċi u Kosmetiċi
Is-Sur Martin Seychell, B.Pharm.Tech. (Hons.)

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 651 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17, 609 tat-18 ta' Ġunju, 2004.

It-2 ta' Lulju, 2004

No. 721

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Appointment of Chief Executive and Heads of Directorates within the Malta Standards Authority

IN exercise of the powers by Article 3 (17) of the Malta Standards Authority Act (Act No. XIX of 2000), the Malta Standards Authority, after consultation with the Minister for Competitiveness and Communications, has appointed the under-mentioned to the positions within the Malta Standards Authority, for a period of three years from 1st January 2004 as shown hereunder:-

Chief Executive
Mr Joseph Spiteri

Head - Consumer and Industrial Goods
Ing. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng. (Hons.)

Head - Standardization
Ing. Francis Farrugia, MBA (Henley), Eur.Ing., B.Elec.Eng. (Hons.)

Head - Foodstuffs, Chemicals and Cosmetics
Mr Martin Seychell, B.Pharm.Tech. (Hons.)

This Government Notice supercedes Government Notice No. 651 published in the Government Gazette No. 17, 609 of the 18th June, 2004.

2nd July, 2004

Nru. 722

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn ta' avviż ta' stima ta' l-impatt ambjentali avviż skond l-artikolu 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONIJIET hawn taħt imsemmija jeħtieġu Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-

No. 722

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the PA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment

Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità ta' Maltadwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.eia-malta.org

and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.eia-malta.org

Ħal Qormi	PA4028/03	Bini ta' pompa tal-*petrol,* Triq Ħal Luqa, Ħal Qormi Is-Sur Salvatore de Carlo
Qormi	*PA4028/03*	*To erect a petrol station, Triq Ħal Luqa, Qormi* *Mr Salvatore de Carlo*

It-2 ta' Lulju, 2004 2nd July, 2004

Nru. 723

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITOLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 723

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
25. 06. 04	Lm4.58c6	8c1
28. 06. 04	Lm4.59c7	8c1
30. 06. 04	Lm4.52c1	8c1
01. 07. 04	Lm4.47c3	7c7

It-2 ta' Lulju, 2004 2nd July, 2004

Nru. 724

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 724

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 468	Joseph George Azzopardi	Toyota Showroom N.B. Triq l-Imġarr Għajnsielem Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	24.06.04
CD/3207/2003 Pt 3	Kenneth Ward	Eastern Bazaar 9, Misraħ Sant'Anna Floriana	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.44 52.47	23.06.04
CD/3207/2004 Pt 3	Christopher Gatt	Goth Hairdressing 'Goth', Tigne Seafront Tigne Sliema	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	22.06.04
CD/3209/2004 Pt 68	Mario Camilleri	Tekno Electronics Ltd 'Tekno' Triq Paolo Debono Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45	23.06.04
CD/3209/2004 Pt 216	Jonathon Mangion	A.M. Mangion Mangion Building N/S in Valletta Road Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.48.13	23.06.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 227	Shirona Mallia Muscat	D.V.D. Movies Rentals Playmovie 3, Triq l-Iskuna Qawra San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45 52.48.3	24.06.04
CD/3209/2004 Pt 228	Arthur Tua	Ecosafe Systems Triq Sciberras Ħamrun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	24.06.04
CD/3209/2004 Pt 229	Reuben Camilleri	Shop 4, Triq il-Wileġ Qawra San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.13 52.48.11	24.06.04
CD/3209/2004 Pt 230	Charles Calleja	Charles Household Goods 21, Triq il-Battaljun San Ġwann	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45	24.06.04
CD/3209/2004 Pt 231	Raymond Mifsud	Tal-Banana Green Grocer 216, Triq il-Marsa, Marsa	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	24.06.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-2 ta' Lulju, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

2nd July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 55

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ta' Kerċem – Għawdex

Nhar it-Tnejn, il-5 ta' Lulju, 2004 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Av. A. Calleja u San Girgor.

Nhar it-Tlieta, is-6 ta' Lulju, 2004 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xuxa, Salvatore Busuttil, San Girgor sal-Knisja.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Lulju, 2004 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Girgor u Pjazza Orivieto.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Lulju, 2004 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Av. A. Calleja, Pjazza San Girgor u Pjazza S. Busuttil.

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Lulju, 2004 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Għajn Tuta, Pejpu, Pjazza Orivieto, is-Sarg, San Pietru Pawl u San Girgor.

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Lulju, 2004 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Av. A. Calleja, San Girgor, G. Flores, Pjazza S. Busuttil u l-Knisja.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004 mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza S Busuttil, San Girgor, l-Av. A. Calleja, San Pietru Pawl, il-Bies, il-Kalandrijiet u Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004 mils-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Girgor, San Pietru Pawl, Pjazza S. Busuttil, G. Briffa u Madre Margerita Debrincat.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Ta' Sannat – Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Lulju, 2004 mill-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin, ix-Xagħman u Pjazza tal-Knisja.

POLICE NOTICE

No. 55

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Kerċem – Gozo

On Monday, 5th July, 2004 from 8.00 p.m. through the following streets: l-Av. A. Calleja and San Girgor.

On Tuesday, 6th July, 2004 from 5.00 p.m. through the following streets: ix-Xuxa, Salvatore Busuttil, San Girgor to Church.

On Wednesday, 7th July, 2004 from 5.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Girgor and Pjazza Orivieto.

On Thursday, 8th July, 2004 from 8.00 p.m. through the following streets: l-Av. A. Calleja, Pjazza San Girgor and Pjazza S. Busuttil.

On Friday, 9th July, 2004 from 8.00 p.m. through the following streets: Għajn Tuta, Pejpu, Pjazza Orivieto, is-Sarg, San Pietru Pawl and San Girgor.

On Saturday, 10th July, 2004 from 6.00 p.m. through the following streets: l-Av. A. Calleja, San Girgor, G. Flores, Pjazza S. Busuttil and il-Knisja.

On Sunday, 11th July, 2004 from 10.00 a.m. through the following streets: Pjazza S Busuttil, San Girgor, l-Av. A. Calleja, San Pietru Pawl, il-Bies, il-Kalandrijiet and Pjazza tal-Knisja.

On Sunday, 11th July, 2004 from 6.30 p.m. through the following streets: San Girgor, San Pietru Pawl, Pjazza S. Busuttil, G. Briffa and Madre Margerita Debrincat.

The parking of vehicles along the above mentioned strees is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Sannat – Gozo

On Friday, 16th July, 2004 from 10.00 p.m. through the following streets: ix-Xagħman and Pjazza tal-Knisja.

Nhar it-Tnejn, id-19 ta' Lulju, 2004 mit-8.30 p.m. minn Triq ix-Xagħman.

Nhar it-Tlieta, l-20 ta' Lulju, 2004 mis-6.00 p.m. minn Triq Ta' Sannat.

Nhar it-Tlieta, l-20 ta' Lulju, 2004 mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Margerita, l-Isqof Cocco Palmeri, Vincenzo Caruana Spiteri u t-28 ta' April 1688.

Nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Lulju, 2004 mis-6.30 p.m. minn Pjazza Santa Margerita.

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Lulju, 2004 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Margerita, il-Bebunaq, it-Tilliera, Ras in-Newwiela, il-Kbira, Ikbiex, Seguna, Dun Xand Aquilina, il-Marsilja u Ta' Ċenċ.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Lulju, 2004 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Sannat, il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmeri, Ta' Ċenċ, Marsilja u x-Xabbata.

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Lulju, 2004 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Sannat, il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmeri, Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata u Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Lulju, 2004 mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Ċenċ u Pjazza Santa Margerita.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Lulju, 2004 mis-1.00 p.m. minn Triq Ta' Sannat.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Lulju, 2004 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita u l-Kbira.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Birżebbuġa

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Lulju 2004 mill-10.00 a.m. 'il quddiem minn parti minn Triq Birżebbuġa u Misraħ il-Knisja.

Nhar it-Tnejn, is-26 ta' Lulju, 2004 mit-8.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Kurat Fenech, Sant Anġlu, Santa Rita, il-Qolla, Misraħ ir-Repubblika, il-Kostituzzjoni, it-13 ta' Diċembru, San Ġwann, iż-Żibra, il-

On Monday, 19th July, 2004 from 8.30 p.m. through Triq ix-Xagħman.

On Tuesday, 20th July, 2004 from 6.00 p.m. through Triq Ta' Sannat.

On Tuesday, 20th July, 2004 from 8.30 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Margerita, l-Isqof Cocco Palmeri, Vincenzo Caruana Spiteri and it-28 ta' April 1688.

On Wednesday, 21st July, 2004 from 6.30 p.m. through Pjazza Santa Margerita.

On Thursday, 22nd July, 2004 from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Margerita, il-Bebunaq, it-Tilliera, Ras in-Newwiela, il-Kbira, Ikbiex, Seguna, Dun Xand Aquilina, il-Marsilja and Ta' Ċenċ.

On Friday, 23rd July, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Ta' Sannat, il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmeri, Ta' Ċenċ, Marsilja and ix-Xabbata.

On Saturday, 24th July, 2004 from 6.00 p.m. through the following streets: Ta' Sannat, il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmeri, Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata and Santa Marija.

On Sunday, 25th July, 2004 from 10.00 a.m. through the following streets: Ta' Ċenċ and Pjazza Santa Margerita.

On Sunday, 25th July, 2004 from 1.00 p.m. through Triq Ta' Sannat.

On Sunday, 25th July, 2004 from 5.00 p.m. through the following streets: Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita and il-Kbira.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Birżebbugia

On Sunday, 25th July 2004 from 10.00 a.m. onwards through part of Triq Birżebbugia and Misraħ il-Knisja.

On Monday, 26th July, 2004 from 8.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ il-Knisja, Kurat Fenech, Sant Anġlu, Santa Rita, il-Qolla, Misraħ ir-Repubblika, il-Kostituzzjoni, it-13 ta' Diċembru, San Ġwann, iż-Żibra, il-

Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Santa Katerina, il-Knisja, Profs. A. Tabone, Sant' Andrija u l-Brolli.

Nhar it-Tlieta, is-27 ta' Lulju, 2004 mit-8.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Qajjenza, l-Għanejja, il-Mandolina, il-Fossili, Herakles, F.M. Feretti, Salvatore Cachia Zammit, ix-Xatt, San Ġorġ, Santa Katerina, it-Tankijiet, il-Bieqja, il-Knisja u l-Bajja s-Sabiħa.

Nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Lulju, 2004 mit-8.15 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Dun Karm Frendo, l-Imnarja, il-Gandoffla, Marconi, Florence Nightingale, ir-Rizza, il-Girgħien, il-Qolla, il-Gawwi, iċ-Ċief, il-Port Ħieles, San Franġisk, Alessandru, San Dwardu, il-Bajja s-Sabiħa, il-Knisja, Santa Katerina u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Lulju, 2004 mit-8.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: ħdejn il-*pitch* tal-*Waterpolo,* il-Bajja s-Sabiħa, Misraħ is-Summit, San Patrizju, Despot, San Filippu, Misraħ H. Barka, iż-Żebra, San Ġwann, Diċembru 13, San Tumas, Sant Anġlu, Santa Rita, il-Brolli u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Lulju, 2004 mit-8.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, Sant Andrija, Sant Anġlu, Santa Rita, San Ġużepp, San Ġorġ, San Pietru, San Mikiel, San Pawl, iż-Żurrieq, Profs A. Tabone, il-Knisja u Santa Katerina.

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Lulju, 2004 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, San Mikiel, id-Duluri, Profs. A. Tabone, Sant Anġlu, il-Ħaddiema, ix-Xogħol, Santa Rita u s-Sajjied.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awissu, 2004 mill-10.15 a.m. sas-2.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Birżebbuġa, il-Bajja s-Sabiħa, il-Knisja, id-Duluri, San Mikiel, San Pietru, San Ġorġ, Żaren Dalli, Misraħ il-Knisja, iż-Żurrieq, Diċembru 13, San Ġwann, San Franġisk, San Filippu, il-Brolli, San Ġużepp, it-Tankijiet, Santa Katerina, San Mikiel, San Pawl, Alessandru, Misraħ H. Barka, San Ġorġ, San Pawl u Misraħ Birżebbuġa.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awissu 2004 mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Birżebbugia, San Ġorġ, Santa Katerina, San Mikiel, San Pawl, il-Bajja s-Sabiħa, Profs. A. Tabone, Sant'Anġlu u Kurat Fenech.

Vetturi li ma jobdux dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-2 ta' Lulju, 2004

Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Santa Katerina, il-Knisja, Profs. A. Tabone, Sant' Andrija and il-Brolli.

On Tuesday, 27th July, 2004 from 8.30 p.m. onwards through the following streets: il-Qajjenza, l-Għanejja, il-Mandolina, il-Fossili, Herakles, F.M. Feretti, Salvatore Cachia Zammit, ix-Xatt, San Ġorġ, Santa Katerina, it-Tankijiet, il-Bieqja, il-Knisja and il-Bajja s-Sabiħa.

On Wednesday, 28th July, 2004 from 8.15 p.m. onwards through the following streets: Dun Karm Frendo, l-Imnarja, il-Gandoffla, Marconi, Florence Nightingale, ir-Rizza, il-Girgħien, il-Qolla, il-Gawwi, iċ-Ċief, il-Port Ħieles, San Franġisk, Alessandru, San Dwardu, il-Bajja s-Sabiħa, il-Knisja, Santa Katerina and Misraħ il-Knisja.

On Thursday, 29th July, 2004 from 8.30 p.m. onwards through the following streets: near Water polo pitch, il-Bajja s-Sabiħa, Misraħ is-Summit, San Patrizju, Despot, San Filippu, Misraħ H. Barka, iż-Żebra, San Ġwann, Diċembru 13, San Tumas, Sant Anġlu, Santa Rita, il-Brolli and Misraħ il-Knisja.

On Friday, 30th July, 2004 from 8.00 p.m. onwards through the following streets: il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, Sant Andrija, Sant Anġlu, Santa Rita, San Ġużepp, San Ġorġ, San Pietru, San Mikiel, San Pawl, iż-Żurrieq, Profs A. Tabone, il-Knisja and Santa Katerina.

On Saturday, 31st July, 2004 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, San Mikiel, id-Duluri, Profs. A. Tabone, Sant Anġlu, il-Ħaddiema, ix-Xogħol, Santa Rita and is-Sajjied.

On Sunday, 1st August, 2004 from 10.15 a.m. till 2.30 p.m. through the following streets: Birżebbuġa, il-Bajja s-Sabiħa, il-Knisja, id-Duluri, San Mikiel, San Pietru, San Ġorġ, Żaren Dalli, Misraħ il-Knisja, iż-Żurrieq, Diċembru 13, San Ġwann, San Franġisk, San Filippu, il-Brolli, San Ġużepp, it-Tankijiet, Santa Katerina, San Mikiel, San Pawl, Alessandru, Misraħ H. Barka, San Ġorġ, San Pawl and Misraħ Birżebbuġa.

On Sunday, 1st August, 2004 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ il-Knisja, Birżebbugia, San Ġorġ, Santa Katerina, San Mikiel, San Pawl, il-Bajja s-Sabiħa, Profs. A. Tabone, Sant'Anġlu and Kurat Fenech.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

2nd July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 56

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Lulju, 2004 mill-10.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq il-Ġnien.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004 mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq il-Ġnien.

Il-Fgura

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali sa Hompesch, Ħaż-Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, il-Kitba, l-Iskola u Sant' Antnin.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Lulju, 2004

POLICE NOTICE

No. 56

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Żabbar

On Saturday, 10th July, 2004 from 10.00 p.m. to midnight through Triq il-Ġnien.

On Sunday, 11th July, 2004 from 6.00 p.m. to 11.00 p.m. through Triq il-Ġnien.

Fgura

On Sunday, 11th July, 2004 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: from Parish Church to Hompesch, Ħaż-Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, il-Kitba, l-Iskola and Sant' Antnin.

Vehicles found in contravention of this are subject to be towed.

2nd July, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 38 ta' l-2004

Bastiment Mgħarraq fi Sliema Creek fil-Port ta' Marsamxett

Il-baħħara huma mwissija li bastiment b'numru ta' reġistrazzjoni S - 9081 twil madwar 9 metri għereq fi Sliema Creek fil-Port ta' Marsamxett. L-ogħla punt tal-bastiment huwa ta' 3 metri taħt wiċċ l-ilma. Dan il-bastiment mgħarraq huwa ċċentrat fil-pożizzjoni:-

Latitude (N)
35°54'.346

Sidien ta' bastimenti li jkunu jbaħħru fl-inħawi huma mwissija bil-periklu u biex ibaħħru b'kawtela meta jkun fil-qrib.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 177.

It-2 ta' Lulju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 38 of 2004

Sunken Vessel at Sliema Creek in Marsamxett Harbour

Mariners are warned that the vessel with Reg. No. S - 9081 of approximately 9 metres in length has sunk in Sliema Creek in Marsamxett Harbour. The highest part of the vessel is 3 metres below the surface. This wreck is centered in position:–

Longitude (E)
14°30'.180

Masters of vessels navigating in the area are warned of this danger and to navigate with caution when in the vicinity.

Position is referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA 177.

2nd July, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta'
Head, Corporate Programmes Department
fis-*Central Information Management Unit*
fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex timtela l-pożizzjoni ta' *Head, Corporate Programmes Department* fis-*Central Information Management Unit (CIMU)* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f' kuntratt ta' tliet snin bħala *Head, Corporate Programmes,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin, fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Head Corporate Programmes Department,* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta jintemm il-kuntratt. Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mas-*Central Information Management Unit* kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-iskala applikabbli għal din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Head, Corporate Programmes Department* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1. Is-salarju tal-pożizzjoni ta' *Head, Corporate Programmes Department* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 4 (bħalissa Lm10,279 fis-sena). Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju u l-*allowances* dovuti għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Titħallas *market correctivity allowance* negozjabbli skond il-kwalifiki u t-*track record* tal-persuna magħżula.

4. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tal-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jew inkella tista' titniżżel mill-*Website* tas-CIMU www.cimu.gov.mt jew tintalab permezz ta' l-*e-mail* fuq l-indirizz cimu@gov.mt.

5. L-applikanti għandhom:-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Head, Corporate Programmes Department in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Head, Corporate Programmes Department in the Central Information Management Unit (CIMU) in the Office of the Prime Minister.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Head, Corporate Programmes, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Head, Corporate Programmes Department during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not an Officer in the Malta Public Service, service with CIMU as well as with the Malta Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service and, during the contract period is appointed to a grade with a salary scale higher than the scale applicable to this position, the officer will be required to relinquish the duties of Head, Corporate Programmes Department and be transferred to duties pertinent to hisċher new grade.

3.1. The position of Head, Corporate Programmes Department attracts a salary equivalent to Salary Scale 4 (currently Lm10,279 per annum). If the selected applicant is an Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary and allowances attached to the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. A negotiable market correctivity allowance will be paid consonant with the qualifications and the track record of the selected candidate.

4. A detailed job description in respect of the position can be obtained from the Office of the Chief Information Management Officer in person or downloaded from the CIMU Website at www.cimu.gov.mt or requested by e-mail using the address cimu@gov.mt.

5. Applicants must:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' *first degree* (jew kwalifika professjonali rikonoxxuta), fil-*Computer Science,* Inġinerija jew suġġett tax-Xjenza relatat; flimkien ma' erba' (4) snin esperjenza rilevanti ta' xogħol f'ambjent formali u matur ta' l-informatika, li tnejn (2) minnhom iridu jkunu f'pożizzjoni maniġerjali jew *senior supervisory;*

JEW

ikollhom ta' l-inqas tmien (8) snin esperjenza rilevanti ta' xogħol f'ambjent formali u matur ta' l-informatika, li tnejn (2) minnhom iridu jkunu f'pożizzjoni maniġerjali jew *senior supervisory;*

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtoritajiet oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b' Dizabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lilll-KNPD.

7.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-pożizzjoni.

7.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esibiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tas-*Central Information Management Unit.* Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

(a) be citizens of Malta;

(b) be in possession of a first degree level of education (or a recognised professional qualification) in Computer Science, Engineering or a relevant Science subject, plus four (4) years relevant experience in a formal and mature ICT environment, of which two (2) must be in a management or senior supervisory position;

OR

have a minimum of eight (8) years relevant experience in a formal and mature ICT environment, of which two (2) must be in a management or senior supervisory position;

(c) be of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authorities issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

7.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice- board of the Office of the Public Service Commission and that of the Central Information Management Unit. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of result.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintweraw b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

10. Malli tingaġġa, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawkli mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tinsab fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer,* CIMU, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, mhux aktar tard minnofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Lulju 2004.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/En/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.m/ċdownloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mis-*Central Information Management Unit,* Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-*Central Information Management Unit* mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tac-CIMU hu (+356) 2599 2842).

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. L-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Lulju, 2004

